IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2014
COM(2014) 674 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI TAL-2013 BIL-GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE U DWAR L-APPLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI NRU 1080/2011/UE TAL-25 TA' OTTTUBRU 2011 LI TKOPRI L-OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT TAL-BEI FFIRMATI MATUL IL-PERJODU MILL-2007 SA ĠUNJU 2014

{SWD(2014) 333 final}

MT MT

1. INTRODUZZJONI

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni[1] (id-"Deċiżjoni" jew "il-garanzija tal-UE") tesiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mwettqa bil-garanzija tal-UE, fuq il-bażi tar-rapporti annwali pprovduti mill-BEI.

Dan ir-rapport jipprovdi wkoll taqsira tal-operazzjonijiet b'riskju proprju mwettqa mill-BEI fl-2013 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. L-operazzjonijiet tal-BEI fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji *extra*-Ewropej (OCT) huma koperti minn rapport separat annwali[2].

L-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni jistipula li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport finali dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni. Ir-rapport finali jinsab fl-Anness u jkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament esterni tal-BEI ffirmati mill-2007 sat-30 ta' Ġunju 2014, wara l-estensjoni tad-Deċiżjoni b'sitt xhur.

Aktar informazzjoni ddettaljata u tabelli statistiċi dwar l-attivitajiet ta' hawn fuq, anki fil-livell ta' proġetti, setturi, pajjiżi u reġjuni hija mogħtija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (Staff Working Document, "SWD").

Wara t-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati (REsults Measurement, REM) tal-BEI, dan ir-rapport jagħti informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riżultati mistennija bbażati fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2013. Ir-riżultati effettivament miksuba bbażati fuq sitt studji ta' każijiet magħżula dwar operazzjonijiet li qed jiġu implimentati, huma ppreżentati fl-SWD.

Fis-16 ta' April 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE[3] l-ġdida li tagħti lill-BEI l-garanzija tal-UE kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti mhux mill-UE matul il-perjodu 2014-2020.

2. RIŻULTATI EWLENIN

Id-Deċiżjoni tistabbilixxi limitu massimu globali għall-Mandat Ġenerali ta' EUR 27 484 miljun, u żieda addizzjonali ta' ta' EUR 2 000 miljun għall-Mandat għat-Tibdil fil-Klima.

Minkejja ambjent ta' negozju mimli sfidi, fl-2013 il-BEI żied il-firem fir-reġjuni koperti bid-Deċiżjoni għal EUR 6,8 biljun (EUR 6,5 biljun fl-2012). Il-finanzjament bil-garanzija tal-UE żdied minn madwar EUR 0,4 biljun għal EUR 4,4 biljun, filwaqt li l-iffinanzjar fuq ir-riskju proprju tal-BEI naqas minn EUR 0,1 biljun għal EUR 2,4 biljun.

[1] ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1.

[2] BEI – 06/2014 – ISBN 978-92-861-2059-6 "Ir-Rapport Annwali tal-2013 dwar l-attività tal-BEI fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji *extra*-Ewropej"

[3] ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1.

Il-BEI kompla juri l-impenn qawwi tiegħu li jappoġġa l-aġenda tal-UE tal-azzjoni dwar il-klima. B'mod ġenerali, il-firem marbutin mal-azzjoni klimatika fil-reġjuni tal-mandat estern kif definiti fid-Deċiżjoni kienu jammontaw għal EUR 2,1 biljun fl-2013, jew 31 % tal-firem totali. F'Jannar 2012, il-BEI nieda l-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati, li jsaħħaħ il-kejl u r-rappurtar dwar ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet tiegħu kif mitlub fid-Deċiżjoni. Ġie żviluppat sett estensiv ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u jiġu mmonitorjati oġġettivament li se jiggwidaw l-valutazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. Ir-riżultati mistennija għall-operazzjonijiet kollha tal-BEI ffirmati fl-2013 huma mqassra fl-SWD. Ir-rapport tal-BEI stess dwar ir-riżultati tal-operazzjonijiet tal-BEI mhux fl-UE ġie ppubblikat fil-websajt tiegħu[4].

Id-Deċiżjoni enfasizzat allinjament aktar qawwi tal-attività esterna tal-BEI mal-politiki esterni, l-programmi u m-istrumenti tal-UE. Matul l-2013, il-BEI kompla jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u s-SEAE biex isaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-BEI mal-politiki esterni tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-KE u l-BEI ġie aġġornat u estiż għas-SEAE, u ffirmat mill-partijiet fit-12/09/2013.

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. Ħarsa ġenerali lejn il-volum ta' finanzjament mill-BEI fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2013 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni.

Tabella 1: L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament Esterni tal-BEI ffirmati fl-2013

Pajjiżi tal-operat	**Operazzjonijiet skont il-mandat**			**Operazzjonijiet b'riskju proprju tal-BEI**	**Total**
(EUR miljun)	**Garanzija komprensiva**	**Garanzija għar-riskju politiku**	**Total**		
Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	960	0	960	1 998	2958
Pajjiżi Mediterranji	397	133	530	0	530
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	1126	560	1686	119	1805
L-Asja u l-Amerika Latina	782	215	997	242	1240
L-Afrika t'Isfel	0	260	260	0	260
Total	**3265**	**1168**	**4433**	**2359**	**6793**

Noti: Flimkien mal-volumi ta' hawn fuq tar-riżorsi proprji tal-BEI, ġew iffirmati fuq ir-riżorsi ta' partijiet terzi fil-Mediterran l-ekwità u l-operazzjonijiet mikrofinanzjarji li jammontaw għal EUR 53 miljun.

Is-sehem tal-attività taħt il-mandat tal-UE,bħala volum totali żdied fl-2013 b'4 % biex jilħaq l-EUR 4,43 biljun (EUR 3,96 biljun fl-2012), jew il-65 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni fl-2013. Il-biċċa l-kbira (85 %) tal-operazzjonijiet iffinanzjati fuq riskju proprju tal-BEI ġew iffirmati fil-Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni.

Fl-2013, 74 % tas-self iffirmat skont il-mandat kien kopert b'Garanzija Komprensiva (EUR 3,26 biljun), li tintuża għall-operazzjonijiet sovrani u sottosovrani, filwaqt li 26 %

[4] http://www.eib.org/attachments/country/eib_rem_annual_report_2013_en.pdf

bbenefikaw mill-Garanzija għar-Riskju Politiku (EUR 1,17 biljun), għal operazzjonijiet tas-settur privat, bir-riskji kollha l-oħra sostnuti mill-BEI.

Inadempjenzi fuq pagamenti tal-imgħax u ħlasijiet lura ta' self mill-Gvern Sirjan komplew fl-2013[5]. Meta fl-2012, il-BEI għamel talbiet mill-Fond ta' Garanzija li l-ammont totali tagħhom kien ta' EUR 42 miljun, u kien irkupra EUR 2,1 miljun, fl-2013 il-BEI għamel talbiet supplementari li jammontaw għal EUR 64,8 miljun.

Grafika 1: L-evoluzzjoni annwali tal-volumi ta' self estern tal-BEI mir-riżorsi proprji



Fl-aħħar tal-2013 (ara t-Tabella 2), l-ammont globali ffirmat skont id-Deċiżjoni (esklużi l-kanċellamenti) kien ta' EUR 27 biljun, jew ta' 92 % tal-limitu massimu globali tal-Mandat. Skont il-mandat, il-BEI kien jiddisponi mill-ammont globali ta' EUR 2,46 biljun għall-operazzjonijiet il-ġodda tiegħu. Il-perjodu tad-deċiżjoni kien awtomatikament estiż b'sitt xhur fl-aħħar tal-2013, għaliex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma kinux addottaw id-Deċiżjoni l-ġdida.

Tabella 2: It-total tal-firem u tal-iżborżi tal-BEI fl-ambitu tal-mandat (2007-2013)

EUR miljun	Limitu massimu	Firem netti	Firem netti bħala % tal-limitu massimu	Żborżi	Żborżi netti bħala % tal-firem netti
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	9 048	8 949	99 %	5 648	63 %
Il-Mediterran	9 700	8 381	86 %	4 145	49 %
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	3 848	3 844	100 %	898	23 %
L-Asja u l-Amerika Latina	3 952	3 284	83 %	2 322	71 %
L-Afrika t'Isfel	936	911	97 %	558	61 %

[5] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Fond ta' Garanzija u l-ġestjoni tiegħu fl-2013 - COM(2014) 463 finali tas-16.7.2014 u l-SWD(2014) 241 finali tiegħu.

Total tal-Mandat Ġenerali	27 484	25 369	92 %	13 571	53 %
Il-Mandat għat-Tibdil fil-Klima (2011-2013)	2 000	1 656	83 %	217	13 %
Il-Mandat totali	**29 484**	**27 025**	**92 %**	**13 788**	**51 %**

Nota Bene: L-ammonti ta' żborżi jiġu kkalkulati fuq l-ekwivalenti f'EUR skont ir-rata tal-kambju fil-mument tat-tranżazzjoni

Fit-Tabella 2, wieħed jista' jara li l-BEI laħaq jew kważi laħaq il-limiti massimi reġjonali fil-pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-Adeżjoni, fil-Viċinat tal-Lvant u fl-Afrika ta' Isfel fi tmiem l-2013. Kien għad hemm lok għall-immanuvrar prinċipalment fil-Mediterran u fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerika Latina. Id-Deċiżjoni tipprevedi l-possibilità ta' riallokazzjoni sa 10 % bejn il-limiti massimi tar-reġjuni.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-iżborż, li huwa l-indikatur tal-progress fl-implimentazzjoni tal-proġetti, 51 % tal-ammonti netti ffirmati skont id-Deċiżjoni (EUR 13,8 biljun), ġew żborżati fi tmiem l-2013. Dan jikkorrispondi mad-dewmien medju ta' żmien bejn il-firma u l-iżborż. L-Asja u l-Amerika Latina mxew 'il quddiem sew b'71 % tal-ammonti netti ffirmati, segwiti mill-pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni (63 %) u l-Afrika t'Isfel (61 %). Fil-Viċinat tal-Lvant u fir-Russja l-iżborżi baqgħu taħt il-medja ta' 23 % tal-firem netti, u dan jirrifletti d-dewmien inizjali fl-implimentazzjoni tal-proġetti u d-dewmien amministrattiv fil-pajjiżi riċevituri. Ir-rata ta' żborżi taħt il-Mandat għat-Tibdil fil-Klima huwa relattivament baxx minħabba li ġie attivat fi tmiem l-2011.

Tabella 3: Il-firem tas-self annwali skont id-Deċiżjoni attwali (2007-2013)

EUR miljun	2007 (*)	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total Gross	Kanċellamenti	Total nett
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	389	2 009	2 859	1 535	874	821	610	9 096	147	8 949
Il-Mediterran	1 205	1 195	1 510	2 009	926	1 305	530	8 680	299	8 381
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	0	170	233	631	675	934	1 443	4 085	241	3 844
L-Asja u l-Amerika Latina	305	469	1 051	643	310	300	584	3 662	378	3 284
L-Afrika t'Isfel	0	203	280	50	115	100	260	1 008	96	912
Total tal-Mandat Ġenerali	**1 899**	**4 045**	**5 932**	**4 867**	**2 900**	**3 460**	**3 427**	**26 530**	**1 161**	**25 369**
Il-Mandat għat-Tibdil fil-Klima (2011-2013)					**150**	**500**	**1 006**	**1 656**	**--**	**1 656**
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni					150	-	350	500	--	500
Il-Mediterran						350	-	350	--	350
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja						-	243	243	--	243
L-Asja u l-Amerika Latina						150	413	563	--	563
L-Afrika t'Isfel						-	-	-	--	-
Il-Mandat totali	**1 899**	**4 045**	**5 932**	**4 867**	**3 050**	**3 960**	**4 433**	**28 186**	**1161**	**27 025**

(*) Sal-31 ta' Lulju 2007, l-għoti ta' self twettaq ukoll skont id-Deċiżjoni preċedenti tal-2000-2007.

Rigward l-għadd ta' proġetti, fl-2013 42 operazzjoni ġdida ġew iffirmati skont id-Deċiżjoni, meta mqabbel ma' 43 fl-2012. Ara t-tabella ta' hawn taħt

Tabella 4: In-numru ta' operazzjonijiet iffirmati skont ir-reġjuni u skont ir-riżorsi fl-2013

Reġjuni	Mandat	BEI riskju proprju	Total	Ir-riżorsi ta' partijiet terzi
L-Asja u l-Amerika Latina	11	2	13	-
Il-Mediterran	7	-	7	9
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	6	19	25	-
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	16	1	17	-
L-Afrika t'Isfel	2	-	2	-
Multireġjonali*	-	4	4	-
Total	**42**	**26**	**68**	**77**

** Operazzjonijiet iffirmati li jiffukaw fuq żewġ reġjuni jew aktar*

Il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni baqgħu r-reġjun ewlieni, mhux fl-UE fl-2013, li jibbenefikaw mill-finanzjament tal-BEI, bi EUR 2,96 biljun iffirmati (25 operazzjoni ġdida), li jirrappreżentaw 43,5 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni tad-Deċiżjoni. Il-BEI ta' prijorità lil-linji ta' kreditu għall-SMEs u għall-proġetti ta' infrastruttura trans-Ewropej. Is-self taħt il-garanzija tal-UE naqas għal EUR 0,96 biljun u s-self taħt il-faċilità tar-riskju proprju ta' qabel l-adeżjoni ammonta għal EUR 2,0 biljun meta mqabbel ma' EUR 2,3 biljun fl-2012 (ara t-Tabella 1).

Il-pajjiżi tal-Mediterran kellhom jaffrontaw ambjent operattiv diffiċli fl-2013 minħabba l-avvenimenti politiċi. L-attività tal-BEI naqset b'66 %, minn EUR 1,7 biljun fl-2012 għal EUR 0,6 biljun (16-il operazzjoni ġdida). Bħal fis-snin preċedenti, is-setturi tal-enerġija u t-trasport kienu l-akbar benefiċjarji tal-finanzjament tal-BEI fir-reġjun tal-Mediterran. Il-BEI żied ukoll is-self tiegħu lis-settur privat b'disa' (9) operazzjonijiet iffirmati għall-ekwitajiet privati u għall-mikrofinanzjament, b'riżorsi ta' partijiet terzi.

Il-finanzjament tal-BEI fil-Viċinat tal-Lvant u fir-Russja żdied bi 17-il operazzjoni ġdida biex laħaq EUR 1,8 biljun (ara t-Tabelli 1 u 4). Dan kien l-aktar minħabba attivitajiet fir-Russja. Madankollu, avvenimenti politiċi wasslu lill-BEI sabiex jipposponi tliet operazzjonijiet fl-Ukraina u fir-Russja, li għaldaqstant kieku kienu jiġu konklużi matul il-perjodu tal-mandat. L-iffirmar ta' aktar operazzjonijiet potenzjali fir-Russja se jkun suġġett għas-sanzjonijiet tal-UE rilevanti. Il-Kummissjoni se timmonitorja u tevalwa l-probabbiltà ta' attivazzjoni oħra (u jekk hemmx bżonn ta' rifinanzjament) tal-Fond ta' Garanzija.

Barra minn hekk, id-djalogi dwar it-trasport bejn l-UE u r-Russja ilhom iffriżati sa mill-2012. Il-kundizzjonijiet sabiex titnieda mill-ġdid il-kooperazzjoni fit-trasport sa issa ma ntlaħqux u r-relazzjoni bilaterali usa' kompliet tiddeterjora matul l-2014 wara l-kriżi fl-Ukraina

Fl-Asja u l-Amerika Latina, is-self totali żdied għal EUR 1,24 biljun (meta mqabbel mas-EUR 700 miljun fl-2012).

Kif muri fit-Tabella 5, il-linji ta' kreditu għall-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp tas-settur privat kienu l-aktar attività prominenti skont il-volum tal-operazzjonijiet iffirmati fl-2013, b'mod partikolari fir-Reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni u fil-Viċinat tal-Lvant. Dawn kienu segwiti mill-enerġija (b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Asja u tal-Amerika Latina) mit-trasport u mill-iżvilupp urban. It-tqassim skont is-settur u r-reġjun huwa mogħti hawn taħt.

Tabella 5: Taqsim settorjali tal-operazzjonijiet esterni ffirmati fl-2013 fl-ambitu tal-mandat u tar-riskju proprju tal-BEI

EUR miljun	Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	Il-Mediterran	Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	L-Asja u l-Amerika Latina	L-Afrika t'Isfel	Total
Enerġija	199	253	105	867	110	1.534
Trasport	460	50	438	-		948
Ilma, drenaġġ	6	77	64	60		207
Linji ta' kreditu	1.450	80	1.193	283		3.006
Agrikoltura, Sajd, Forestrija	150		6	21		177
Industrija		20		9		29
Servizzi Finanzjarji	192			-		192
Telekomunikazzjoni	300			-		300
Żvilupp urban	200	50		-	150	400
Total	**2.958**	**530**	**1.805**	**1.240**	**260**	**6.793**

Noti: Barra minn hekk, mal-volumi ta' hawn fuq, għall-Mediterran ġew iffirmati, fuq ir-riżorsi ta' partijiet terzi, l-ekwità u l-operazzjonijiet mikrofinanzjarji li jammontaw għal EUR 53 miljun.

3.2. Il-kontribut għall-għanijiet tal-politika tal-UE

Id-Deċiżjoni tiddefinixxi tliet għanijiet orizzontali ta' livell għoli għar-reġjuni kollha koperti mill-garanzija baġitarja tal-UE ("l-għanijiet tal-Mandat")

(i) Il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima;

(ii) L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika;

(iii) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs.

L-għanijiet sottostanti addizzjonali jinkludu l-kontribut għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi

sħab, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tal-viċinat u l-Unjoni.

Il-Linji Gwida Operattivi Reġjonali Tekniċi[6] għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE huwa konsistenti u kumplimentari mal-politiki esterni, il-programmi u l-istrumenti korrispondenti tal-UE fir-reġjuni differenti koperti mid-Deċiżjoni.

Il-kontribuzzjonijiet għall-għanijiet tal-mandat huma rifless fit-tabella li ġejja li tieħu kont kemm tal-operazzjonijiet tal-2013 taħt il-mandat u taħt il-faċilitajiet għar-riskju proprju. Kważi nofs l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għal aktar minn għan wieħed. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-proġetti marbutin mal-azzjoni klimatika.

Grafika 2: Il-kontribuzzjonijiet għall-objettiv tal-mandat (%)



Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

Il-BEI kompla fl-2013 isaħħaħ is-self tiegħu marbut mal-azzjoni klimatika. Il-pakkett addizzjonali tal-Mandat għat-Tibdil fil-Klima ta' EUR 2 biljun għen biex titwessa', lil hinn mill-ekonomiji tas-swieq emerġenti, il-firxa ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li qed jagħmlu investimenti marbutin mal-azzjoni klimatika. Sa tmiem l-2013, f'termini ta' firem, 83 % mill-pakkett ta' EUR 2 biljun (rilaxxat f'Ottubru 2011) kien ġie utilizzat u l-bilanċ diġà kien assenjat kollu għall-operazzjonijiet addizzjonali li kienu qed jiġu ppreparati, li kienu ġew iffirmati qabel l-iskadenza tal-Mandat f'Ġunju 2014. Is-self għall-azzjoni klimatika baqa' b'saħħtu fl-Asja bi kważi 90 % mill-firem, filwaqt li ntlaħqu viċin il-50 % fl-Amerika Latina u fl-Asja Ċentrali, u 88 % mill-volum ta' finanzjament ġdid fl-Afrika t'Isfel. Fil-Mediterran, 50 % tal-finanzjament iffirmat fl-2013 appoġġa l-azzjoni klimatika. Ammonti sostanzjali ta' finanzi marbutin mal-azzjoni klimatika ġew immobilizzati wkoll għal proġetti fir-reġjuni ta' qabel l-adeżjoni u fil-viċinat tal-Lvant, iżda l-proporzjon ġenerali hawnhekk huwa inqas minħabba l-prijoritajiet l-oħra ta' self qawwi, b'mod partikolari fl-iżvilupp tas-settur privat.

[6] Ara l-SWD tal-Kummissjoni – COM(2012) 357 finali

Tabella 6: Il-firem marbutin mas-self estern għall-Azzjoni Klimatika fl-2013 fir-reġjuni koperti mill-Mandat

EUR miljun	Azzjoni klimatika taħt			it-Total ta' azzjoni klimatika	bħala % tat-total iffirmat
	il-Mandat għat-Tibdil fil-Klima	il-Mandat Ġenerali	il-faċilità tar-riskju proprju tal-BEI		
L-Asja	286	127	51	464	88 %
L-Asja Ċentrali	127			127	58 %
L-Amerika Latina		52	191	243	49 %
Il-Mediterran		253		253	48 %
Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	350		159	509	17 %
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	243	5	19	267	15 %
L-Afrika t'Isfel		230		230	88 %
Total fir-Reġjuni tal-Mandat	**1006**	**667**	**421**	**2.094**	**31 %**

Is-settur tal-enerġija bbenefika mill-akbar sehem rigward il-volum ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (EUR 1,3 biljun) u għall-għadd ta' proġetti (16), li jirrifletti b'mod speċjali d-domanda qawwija għall-investiment fl-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. Proġetti oħra li kkontribwixxew għall-għan tal-BEI dwar l-azzjoni klimatika kienu dwar it-trasport sostenibbli (EUR 357 miljun) u l-iżvilupp urban (EUR 177 miljun) jew "ir-riżorsi naturali" (EUR 120 miljun).

Fl-2013, il-firem marbutin mal-azzjoni klimatika ammontaw għal EUR 2,1 biljun, li jirrappreżentaw 31 % tat-total tal-finanzjament estern tal-BEI fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. Dan il-proporzjon huwa ogħla mill-mira globali tal-BEI ta' 25 %. Il-volum relattivament għoli ffirmat fl-2013 jista' jiġi spjegat permezz tal-firma ta' għadd relattivament kbir ta' proġetti.

L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika

Il-BEI ffirma b'kollox 46 operazzjoni esterna li jiswew EUR 3,6 biljun sabiex jgħin fl-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u ekonomika għal diversi setturi. Dan jinkludi disa' operazzjonijiet intermedjati, fejn id-distribuzzjoni settorjali reali ma tkunx magħrufa minn qabel. Bħal fis-snin ta' qabel, l-akbar sehem kien tal-enerġija (18-il proġett) u t-trasport (10 proġetti).

L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ lill-SMEs

Il-BEI jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat lokali b'modi differenti, l-aktar billi jestendi linji tal-kreditu lil intermedjarji finanzjarji (l-iktar lill-banek) għal self ta' fondi mislufa lil intrapriżi żgħar u medji. B'mod ġenerali, mill-51 operazzjoni esterna li kkontribwixxew għall-iżvilupp tas-settur privat lokali, 36 kienu selfiet lil intermedjarji li taw EUR 3,3 biljun f'finanzjament għal self ta' fondi mislufa lil SMEs jew lil kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Mat-12 % oħra, minn fost dawn l-operazzjonijiet, kienu self dirett lil kumpaniji privati akbar, u disa' (9) operazzjonijiet jirrappreżentaw investimenti f'fondi ta' ekwità privata u f'istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament (microfinance institutions, MFIs).

Integrazzjoni reġjonali

Proġetti f’għadd ta’ setturi huma mistennija li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni reġjonali. Mis-17-il proġett (EUR 1,1 biljun) li qed jikkontribwixxu għall-integrazzjoni reġjonali, sitta huma operazzjonijiet diretti fis-settur tat-trasport. Dawn huma l-aktar it-toroq transfruntieri u n-netwerks reġjonali tan-navigazzjoni bl-ajru. Erba' proġetti qed jikkontribwixxu permezz tas-settur tal-enerġija. Din id-dimensjoni kienet l-aktar b’saħħitha fir-reġjuni ta' qabel l-adeżjoni u l-Viċinat tal-Lvant, fejn hemm ikkonċentrat bejn wieħed u ieħor tliet kwarti tal-volum totali ta’ self estern bħala għajnuna għall-integrazzjoni reġjonali.

3.3. L-impatt u l-valur miżjud tal-attivitajiet tal-BEI.

Il-qafas tal-REM jipprovdi valutazzjoni tal-Operazzjonijiet ta’ Finanzjament tal-BEI tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom. Dan jgħin sabiex jintgħażlu proġetti tajbin li huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE abbażi ta' riżultati konkreti, u fejn l-involviment tal-BEI jżid il-valur. F'evalwazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jirriflettu r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-operazzjoni. Ir-riżultati, mqabblin ma' dawn il-valuri referenzjari speċifiċi ta' prestazzjoni, huma mmonitorjati matul ħajjet il-proġett kollu u rrappurtati f'żewġ avvenimenti sinifikanti: meta jitlesta l-proġett, u tliet (3) snin wara li jitlesta l-proġett ("wara t-tlestija ") fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; lejn l-aħħar tal-perjodu ta' investiment u t-tmiem taċ-ċiklu ta' ħajjet il-fondi ta' ekwità privata, u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazzjoni fil-każ ta' self b'intermedjarji.

Il-proġetti jiġu kklasifikati skont tliet “Pilastri”:

(i) Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni skont il-prijoritajiet tal-UE u tal-pajjiżi kif ukoll l-eliġibbiltà tagħhom skont l-għanijiet tal-mandat tal-BEI.

(ii) Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi tar-riżultati mistennija.

(iii) Il-Pilastru 3 jikklassifika l-addizzjonalità finanzjarja u nonfinanzjarja mistennija tal-BEI.

Aktar informazzjoni ddettaljata dwar il-qafas konċettwali tal-REM jista’ jinstab fl-SWD. Peress li jridu jgħaddu bosta snin qabel ma l-operazzjonijiet taħt il-qafas tal-REM, li kien introdott fl-2012, jagħtu riżultati tanġibbli, sitt studji ta' każijiet fl-SWD jippreżentaw ir-riżultati reali miksuba minn proġetti fil-proċess ta' implimentazzjoni. Għaldaqstant hawn taħt, hawn ippreżentati u diskussi r-riżultati mistennija għall-operazzjonijiet kollha ffirmati fir-reġjuni koperti mill-Mandat.

Grafika 3: It-tqassim tal-klassifikazzjonijiet mistennija tal-REM skont il-pilastru tal-proġetti ffirmati fl-2013



Ir-riżultati mistennija tal-operazzjonijiet kollha ffirmati fl-2013 fir-reġjuni koperti mill-Mandat:

Kif it-tqassim tal-klassifikazzjonijiet <u>tal-Pilastru 1</u> juri, aktar minn nofs l-operazzjonijiet iffirmati fl-2013 huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod eċċellenti għall-għanijiet tal-mandat, jiġifieri kontribuzzjoni għolja kemm għall-għanijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi stess kif ukoll għall-prijoritajiet tal-UE għall-pajjiż u / jew ir-reġjun. Dawk il-proġetti li huma mistennija li jagħtu kontribut "tajjeb" ikunu konformi mal-għanijiet tal-Mandat u jistgħu jagħtu kontribut għoli kemm għall-għanijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi stess jew dawk tal-UE, jew viċe versa jagħtu kontribut moderat.

<u>Rigward il-Pilastru 2</u>, 9 % tal-operazzjonijiet iffirmati huma mistennija li jkollhom klassifikazzjoni eċċellenti inklużi l-operazzjonijiet diretti b'rata ta' redditu interna (economic rate of return, ERR) akbar minn 15 %, jew l-operazzjonijiet intermedjati (linji ta' kreditu) li jagħtu kontribut eċċezzjonali biex l-aċċess għall-finanzi jiżdied u biex is-settur finanzjarju jiżviluppa, f'ambjent ta' riskju relattivament baxx. Aktar minn 86 % tal-operazzjonijiet huma mistennija li jkunu "tajbin". Dawn huma operazzjonijiet diretti b'medja ta' ERR minn 10 % sa 15 %, jew operazzjonijiet intermedjati li jikkontribwixxu biex l-aċċess għall-finanzi jitjieb u biex is-settur finanzjarju jiżviluppa, anke f'ambjent ta' riskju għoli li fih huwa inqas probabbli li jinkisbu r-riżultati.

Il-klassifikazzjonijiet <u>tal-Pilastru 3</u> juru li madwar 21% tal-operazzjonijiet iffirmati fl-2013 huma mistennija li tipikament ikollhom addizzjonalità għolja, li testendi l-itwal maturità tad-dejn disponibbli għall-mutwatarju fis-suq b'aktar minn 100 %, li huma daqs mill-inqas 80 % tal-ħajja ekonomika tal-assi li għandhom jiġu ffinanzjati; filwaqt li jieħdu rwol ta' tmexxija fil-preparazzjoni u l-istrutturar tal-proġetti u / jew fis-sostenn għall-implimentazzjoni taghhom. Mat-62 % oħra huma mistennija li jagħtu kontribut tajjeb, billi jipprovdu addizzjonalità sinifikanti, billi tipikament jikkombinaw il-kontribut sinifikanti mill-aspett tekniku u settorjali jew mill-aspett ta' standards u garanziji ogħla. Mas-17 % tal-operazzjonijiet iffirmati li ġew ikklassifikati li kienu qed jistennew addizzjonalità moderata kienu tipikament prodotti standard, fejn kien meħtieġ kontribut limitat għat-tfassil, l-istrutturar jew l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-lista tal-oqfsa eżistenti li l-BEI u l-Kummissjoni kkooperaw taħthom fl-2013 sabiex isaħħu l-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-UE fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni hija inkluża fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal imsieħeb, flimkien ma’ tabella fil-qosor dwar il-volumi ta' finanzjament iffirmati mill-BEI waqt il-ġestjoni r-riżorsi tal-baġit tal-UE. Barra minn hekk, xi wħud mill-attivitajiet ewlenin ikkoordinati bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fl-2013 huma deskritti fl-SWD.

5. KOOPERAZZJONI MA’ ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Il-Kooperazzjoni ma’ Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) oħra hija parti integrali mill-attivitajiet tal-BEI, li jvarjaw minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, suġġetti orizzontali u kwistjonijiet tematiċi, u konsultazzjoni reċiproka, għal forom imtejba ta’ kofinanzjament operattiv u qsim tax-xogħol. Fl-2013, il-kofinanzjament ma’ IFI oħra jew ma' istituzzjonijiet Ewropej bilaterali kien jirrappreżenta 47 % tal-firem totali tal-BEI bil-garanzija tal-UE. Il-lista ta’ operazzjonijiet kofinanzjati ffirmati fir-reġjuni koperti mill-Mandat fl-2013 hija inkluża fl-SWD.

Id-djalogu bejn l-IFIs ħafna drabi jseħħ fi gruppi ta’ ħidma speċjalizzati li jiltaqgħu perjodikament sabiex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki jew sabiex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Wieħed minn dawn il-gruppi kien qed jaħdem fuq l-armonizzazzjoni tar-riżultati bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji attivi fis-settur privat, u grupp ta’ ħidma simili twaqqaf fl-2013 biex jaħdem fuq l-armonizzazzjoni tar-riżultati għall-proġetti fis-settur pubbliku.

Barra minn hekk, ġew stabbiliti gruppi ta’ ħidma *ad hoc* biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi, pereżempju l-G-20 u l-G-8 ħafna drabi jistiednu lill-Bank Dinji u lill-MDBs biex jagħtu kontribut. Il-BEI jieħu sehem f’inizjattivi oħra ta’ djalogu bħal ma hija l-laqgħa tal-Kapijiet tal-MDBs, (Jannar 2014) li kienet organizzata mill-BEI. Il-BEI għandu wkoll rwol ewlieni fil-Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna.